**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dottor Giovanni Grixti LL.D. LL.M.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Maurice Curmi)**
**- vs -**
**Michael Zammit ta' 48 sena, iben Salvu u Ganna nee Apap imwieled Xaghra, Ghawdex fid-19 ta' Settembru 1951 u joqghod 'Mic Mary', Triq l-Imgarr, Ghajnsielem, Ghawdex.**
**Karta ta' Identita' numru 64051(G)**

Illum 24 t' Ottubru 2001.

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat talli fis-27 ta' Marzu 2000 u fix-xhur ta' qabel f'sit biswit 'Southern Cross', Triq Mgarr, Ghajnsielem, Ghawdex zamm hazna ta' petrolju u cioe` numru ta' bowsers mimlija petrol u diesel 'il fuq mill-art minghajr licenzja mahruga skond il-ligi tal-Korporazzjoni Enemalta, (2) u aktar talli dan il-magazzinagg f'bowsers jinsab f'post anqas minn 25 pied boghod minn kull dar, (3) talli l-imsemmi sit fejn qed ikun mahzun dan il-petrolju (petrol u diesel) mhuwiex approvat mill-Awtorita` ta' l-Ippjanar, (4) u aktar talli l-imsemmi sit fejn qed isir dan il-magazzinagg f'bowsers mhux maghluq b'hajt mibni kif jixraq b'sodisfazzjoni tal-Korporazzjoni Enemalta, (5) u akkuzat talli fis-sit hawn fuq indikat m'hemmx dak l-apparat u armar biex jintuza f'kaz ta' hruq u dan ai termini ta' l-artikolu 10 ta' l-Avviz Legali numru 337, Att XVI ta' l-1997 Dwar Enemalta, Kap 272 tal-Ligijiet ta' Malta.

Akkuzat ukoll talli ma obdiex ordnijiet legittimi moghtija lilu diversi drabi f'dawn l-ahhar xhur minn PS 309 Angelo Dimech ufficcjal inkarigat minn servizz pubbliku ai termini ta' l-artikolu 338 subinciz ee tal-Kodici Kriminali tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet l-provi;

Ikkunsidrat illi mill-provi prodotti ma jirrizultax illi l-allegata hazna kienet biswit il-fond 'Southern Cross', meta biswit ifisser faccata u ftit lejn il-lemin jew ix-xellug u dan peress illi l-fond 'Southern Cross' huwa magenb l-art fejn kienu pparkjati l-bowsers.

Ma jirrizultax illi l-bowsers kienu mimlija b'xi diesel jew petrol. Ma jirrizultax illi l-Awtorita` ta' l-Ippjanar kellha xi lment dwar din il-hazna allegata. Ir-rapprezentant ta' l-EneMalta xehed illi dawn il-bowsers kienu entro l-limiti stabbiliti.

Ghal dawn il-mottivi ma ssibux hati u tilliberah.

(ft) Giovanni Grixti
Magistrat

(ft) Eva Buttigieg
D/Registratur

Vera Kopja

Ghar-Registratur